MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-23 ta' April, 2015

Avviz Numru. 55/2005

**Patrick Cutajar**

**Vs**

**Mario Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat minn Patrick Cutajar fl-1 ta' Frar 2005 permezz ta' liema jitlob li ai termini ta' l-Artikolu 1022 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, Mario Vella jigi kkundannat jirrifondilu s-somma ta' elfejn disa' mija u hamsin Lira Maltija (Lm2,950), illum ekwivalenti ghal €6,871.65, rapprezentanti hamsa u ghoxrin (25) pagament ta' mija u tmintax-il Lira Maltija (Lm118) kull wiehed li huwa erronejament hallas ghal Mario Vella lill-HSBC Bank Malta p.l.c. bejn l-1 ta' Dicembru 2001 u l-1 ta' Dicembru 2003 fir-rigward tal-*Loan Account* bin-numru 688006139 u dan taht impressjoni zbaljata illi kellu xi obbligu f'dan is-sens; bl-imghax legali mid-data ta' kull pagament effettwat erronejament sal-gurnata tal-hlas effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 6 ta' Settembru 2004 u ta' l-ittra ufficjali datata 12 ta' Ottubru 2004, kontra Mario Vella;

Rat id-dokumenti annessi ma' l-Avviz markati Dok. "PC1" u Dok. "PC2" a fol. 2 sa' 4 tal-process;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut permezz ta' liema jeccepixxi: (i) preliminarjament li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 1027 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) it-talba attrici kif dedotta kontra tieghu hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur stante li ma jezistux l-elementi mehtiega *ad validitatem* skond il-ligi ghas-success ta' l-azzjoni ta' *indebiti solutio*; (iii) l-azzjoni ta' *indebiti solutio* intentata mill-attur kontra tieghu hija legalment insostenibbli u ma tistax

tirnexxi stnate li ma jezisti ebda dritt ta' azzjoni ta' l-attur kontra tieghu a bazi ta' l-Artikolu 1022 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi l-pagamenti allegatament indebiti bi zball ma sarux lilu izda lill-HSBC Bank (Malta) p.l.c.; (iv) l-azzjoni attrici ma tissodisfax il-vot tal-ligi taht l-Artikolu 1022 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-attur kien jaf li huwa kien obbligat li jhallas il-pagamenti minnu versati lill-HSBC Bank (Malta) p.l.c. skond ftehim vigenti bejn il-partijiet kontendenti, tant illi huwa vversa tali pagamenti ghal 25 xahar konsekuttivi u f'okkazzjoni wahda, meta l-attur naqas illi jivversa tali pagament u dan gie effettwat minnu (ossia l-konvenut) l-istess attur irrifondih ghal tali pagament; (v) l-attur ma jistax jipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li l-pagamenti minnu versati saru 'bi zball' u li tali zball kien wiehed *di fatto*; (vi) it-talba ta' l-attur ghall-imghax hija infondata a tenur ta' l-Artikolu 1023 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li huwa ma rcieva l-ebda pagament minghand l-attur u zgur li ma rcieva, ha jew zamm ebda pagamenti *in mala fede*;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tal-11 ta' Ottubru 2005[1] u tal-5 ta' Dicembru 2011[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CP" a fol. 19 u 20 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-Avukat Dottor Antoine Naudi moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 2005[3], rat l-affidavit tal-konvenut a fol. 26 sa' 30 tal-process u semghet ix-xhieda tieghu in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2008[4], rat l-affidavit ta' Raymond Vella a fol. 31 sa' 33 tal-process u semghet ix-xhieda tieghu in kontro-ezami moghtija waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2009[5], rat id-dokumenti esebiti mill-attur, ossia *Shareholders Resolution* tas-socjetà Target Trading Ltd. markata Dok. "NA1" li giet esebita permezz ta' Nota ipprezentata fit-22 ta' Jannar 2007[6] u mill-gdid esebita bhala Dok. "AA2" permezz ta' Nota pprezentata fl-10 ta' Jannar 2008[7] u kopja ta' l-*Abridged Financial Statements* tas-socjetà Target Trading Limited esebiti bhala Dok. "AA1" permezz tan-Nota ipprezentata fl-10 ta' Jannar 2008[8], rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Charles Cassano moghtija quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kawza fl-ismijiet "Mario Vella v. Patrick Cutajar" Talba Nru. 2103/04 waqt seduta mizmuma fil-31 ta' Mejju 2006[9] u rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Michael Tabone, Manager ma' l-HSBC Mellieha Branch, ukoll moghtija quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kawza fl-ismijiet "Mario Vella v. Patrick Cutajar" waqt is-seduta tal-11 ta' Ottubru 2006[10] u rat id-dokumenti esebiti mill-imsemmi Michael Tabone f'dawk il-proceduri[11];

[1] Fol. 16 sa' 18 tal-process.
[2] Fol. 226 sa' 234 tal-process.
[3] Fol. 22 u 23 tal-process.
[4] Fol. 47 sa' 50 tal-process.
[5] Fol. 213 u 214 tal-process.
[6] Fol. 40 u 41 tal-process.
[7] Fol. 59 tal-process.
[8] Fol. 52 sa' 58 tal-process.
[9] Fol. 61 u 62 tal-process.
[10] Fol. 63 sa' 66 tal-process.
[11] Fol. 67 sa' 203 tal-process.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur a fol. 235 sa' 247 tal-process u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut a fol. 251 sa' 259 tal-process;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li ai termini ta' l-Artikolu 1022 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-konvenut jigi kkundannat jirrifondilu s-somma ta' elfejn disa' mija u hamsin Lira Maltija (Lm2,950), illum ekwivalenti ghal €6,871.65, rapprezentanti hamsa u ghoxrin (25) pagament ta' mija u tmintax-il Lira Maltija (Lm118) kull wiehed, illum ekwivalenti ghal €274.87, li huwa erronejament hallas ghall-konvenut lill-HSBC Bank Malta p.l.c. bejn l-1 ta' Dicembru 2001 u l-1 ta' Dicembru 2003 fir-rigward tal-*Loan Account* bin-numru 688006139 u dan taht impressjoni zbaljata illi kellu xi obbligu f'dan is-sens.

Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: preliminarjament li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 1027 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) it-talba attrici kif dedotta kontra tieghu hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur stante li ma jezistux l-elementi mehtiega *ad validitatem* skond il-ligi ghas-success ta' l-azzjoni ta' *indebiti solutio*; (iii) l-azzjoni ta' *indebiti solutio* intentata mill-attur kontra tieghu hija legalment insostenibbli u ma tistax tirnexxi stante li ma jezisti ebda dritt ta' azzjoni ta' l-attur kontra tieghu a bazi ta' l-Artikolu 1022 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi l-pagamenti allegatament indebiti bi zball ma sarux lilu izda lill-HSBC Bank (Malta) p.l.c.; (iv) l-azzjoni attrici ma tissodisfax il-vot tal-ligi taht l-Artikolu 1022 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-attur kien jaf li huwa kien obbligat li jhallas il-pagamenti minnu versati lill-HSBC Bank (Malta) p.l.c. skond ftehim vigenti bejn il-partijiet kontendenti, tant illi huwa vversa tali pagamenti ghal 25 xahar konsekuttivi u f'okkazzjoni wahda, meta l-attur naqas illi jivversa tali pagament u dan gie effettwat minnu (ossia l-konvenut) l-istess attur irrifondih ghal tali pagament; (v) l-attur ma jistax jipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li l-pagamenti minnu versati saru 'bi zball' u li tali zball kien wiehed *di fatto*; (vi) it-talba ta' l-attur ghall-imghax hija infondata a tenur ta' l-Artikolu 1023 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li huwa ma rcieva l-ebda pagament minghand l-attur u zgur li ma rcieva, ha jew zamm ebda pagamenti *in mala fede*.

Ghalkemm il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici *inter alia* bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 1027 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti hija tal-fehma li qabel ma tigi trattata tali eccezzjoni jehtieg l-ewwel jigi stabbilit u determinat jekk fil-kaz in ezami jissussistux l-estremi ta' l-azzjoni ta' *indebiti solutio* hekk intentata mill-attur fil-konfront tal-konvenut.

Kif jirrizulta ferm car mill-Avvizipprezentat mill-attur u kif ikkonfermat mill-kwalità tal-provi minnu prodotti tul is-smigh ta' dawn il-proceduri u mis-sottomissjonijiet minnu avvanzati fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu, l-azzjoni attrici hija bbazata fuq id-disposizzjoni tal-Ligi enuncjata fl-Artikolu 1022 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta: *(1) Kull min, billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur. (2) Izda, dan il-jedd jispicca jekk, minhabba dak il-hlas, il-kreditur ikun, b'bona fidi, telaq minn idejh il-prova jew il-garanzija ta' dak il-kreditu, bla hsara tal-jedd ta' dak li jkun hallas li jdur kontra l-veru debitur*.

Huwa principju guridiku stabbilit illi *rigwardata l-materja mill-punto di vista ta' l-Artikolu 1022, biex ikun hemm lok ghar-ripetizzjoni ta' indebitu jehtieg li jissussistu dawn l-elementi kostituttivi, u cjoe: (a) li jkun sar pagament; (b) li dan il-pagament ma kienx dovut; (c) li l-pagament ikun sar bi zball. Jispetta lil min jipproponi l-azzjoni li jipprova l-hlas, l-inezistenza tal-causa solvendi u l-izball. Riferibilment ghat-tieni element li bhall-ewwel wiehed jghodd ukoll ghal kaz ta' indebitu ex re (Artikolu 1147) jinsab spjegat illi "jista' jkun hemm pagament mhux dovut f'diversi ipotesijiet u wahda minn dawk l-ipotesijiet hu meta l-pagament ikun jidderiva minn titolu annullabbli, rexxindibbli, rizolubbli u revokabbli, u jkollu kontra tieghu eccezzjoni perentorja tajba biex tiddistruggih, mhux biss civilment, imma anke naturalment" (Kollex. Vol. XLV pIII p782). Ghal dak li jikkoncerna l-element ta' l-izball il-gurisprudenza taghna, filwaqt li tosserva d-distinzjoni illi fil-kaz ta' l-accipiens il-hlas irid ikun ricevut minnu "sew xjentement jew bi zball" (Artikolu 1021), fil-kaz tas-solvens li jkun hallas jibbasta l-izball. Zball dan skond is-sentenza a Vol. XXXIII pII p332, "irid ikun zball ta' fatt, u mhux ta' dritt jew injoranza tal-ligi" mentri invece, skond is-sentenza precitata a Vol. XLV pIII p782 "minghajr distinzjoni bejn zball ta' fatt u zball ta' dritt, sakemm l-izball ta' dritt ikun il-kawza unika jew principali tal-pagament u l-haga ma tkunx dovuta lanqas ghall-obbligazzjoni naturali". Huwa pacifiku, però, illi "jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-izball fis-solvens u b'mod specjali jekk issir il-prova li dak is-solvens kien jaf bic-cirkustanzi li mhabba fihom ma kienx tenut ghall-hlas, allura ma ghandux dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas" (Kollez. Vol. XLI pI p76)*[12].

Il-pretensjoni centrali ta' l-attur hija li *mill-provi m'hemmx dubbju illi l-pagament illi effettwa l-attur ma kienx dovut – kienet Target Trading Limited illi kellha thallas. L-attur ma kellu l-ebda obbligu civili jew naturali illi jeffetwa l-pagament fil-kapacità personali tieghu. ... Mill-provi fuq elenkati, jidher car illi l-attur hallas taht l-impressjoni zbaljata illi huwa kellu jhallas l-ammont lill-konvenut. Haseb illi huwa kien id-debitur meta dan qatt ma kien il-kaz. Ma hallasx ghan-nom ta' Target Trading Ltd. Hallas f'ismu ghax haseb, erronejament, illi kellu obbligu, meta dan qatt ma kien il-kaz. Il-konvenut min-naha tieghu kien jaf b'dan u m'ghamel l-ebda tentattiv sabiex*

[12] Maria Galea v. Grace Borg, Citaz. Nru. 1988/97, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 2005. Is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'decizjoni pronuncjata fid-29 ta' Frar 2008.

*jigbed l-attenzjoni ta' l-attur ghal dak illi kien qed jigri. Mhux hekk biss. Meta l-attur spicca hallas dak illi kien minghalih kien dovut minnu, il-konvenut sahansitra baghtlu ittra legali fejn talbu iktar hlas ta' flejjes allegatament dovuti mill-attur. Kien hawnhekk illi l-attur spicca mar ha parir u induna illi kien hallas flejjes bi zball*[13].

Mill-provi prodotti jirrizulta li:

- F'certu zmien l-attur, li kellu expertise fil-qasam tal-*computers*, u l-konvenut, li kien involut fin-negozju tal-familja ta' apparat audjo-viziv, iddecidew li jaghmlu negozju flimkien li kien jinvolvi *computers* u appart audjo-viziv;
- Ghal tali skop gew iffurmati tlett socjetajiet: is-socjetà MVPC Holdings Limited, li kienet *holding company* u l-azzjonisti taghha kienu l-partijiet kontendenti f'ishma ndaqs bejniethom, is-socjetà Video Art Trading Limited li kienet *trading company* u tmexxi l-hanut sitwat il-Mellieha originarjament imexxi mis-socjetà ta' missier il-konvenut EM Logistics Ltd u li l-azzjonista unika taghha kienet MVPC Holdings Limited, u s-socjetà Target Trading Limited li wkoll kienet *trading company* li kienet tmexxi l-fergha tan-negozju li kien jinvolvi l-*computers* u li l-azzjonisti taghha kienu in kwantu ghal 90% ta' l-ishma s-socjetà MVPC Holdings Limited u in kwantu ghall-kumplament ta' l-ishma l-partijiet kontendenti;
- Originarjament is-socjetà Target Trading Limited kellha *overdraft* mal-Mid-Med Bank, illum HSBC Bank (Malta) p.l.c., ta' Lm4,000 li in segwitu zdied ghal Lm20,000. Peress illi din is-socjetà ta' spiss kienet tkun *overdrawn* fuq dan l-*overdraft* il-Bank talab u esiga minghand il-partijiet kontendenti rimedju effettiv sabiex dan l-*overdraft* jithallas. Ir-rimedju pretiz mill-Bank kien li minn dan l-*overdraft* tithallas jew ahjar titnaqqas is-somma ta' Lm18,000 billi dik il-parti ta' l-*over draft* tigi konvertita f'zewg *personal loans* ta' Lm9,000 fuq kull wiehed minnhom, liema *loans* naturalment kellhom jithallsu lura lill-Bank versu hlas mensili ta' Lm118 ghal kull *loan*;
- Il-partijiet kontendenti accettaw ir-rikjesta tal-Bank u fil-fatt parti mill-*overdraft* fl-ammont ta' Lm18,000 gie konvertit f'zewg *personal loans*, wiehed ta' Lm9,000 fuq l-attur u iehor ta' Lm9,000 fuq il-konvenut;
- Peress illi in verità dawn il-*loans* kienu intizi biex jaghmul tajjeb ghal dejn tas-socjetà Target Trading Limited, ghall-fini li finalment il-hlas jigi effettwat minnha fil-kotba taghha gew registrati *shareholders loans* ta' Lm9,000 ghal kull wiehed mill-partijiet kontendenti, liema *shareholders loans* kellhom jithallsu lura b'hlasijiet mensili ta' Lm118 ghal kull wiehed minnhom;
- Fil-kotba tas-socjetà kien jidher li dawn il-*shareholders loans* kienu qed jithallsu izda in verità il-flus kienu qed jigu depozitati direttament fil-

[13] Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur, fol. 244 u 245 tal-process.

kontijiet relattivi ghall-*loans* u b'mod partikolari ghal dak li jirrigwarda il-konvenut fil-kont ma' l-HSBC Bank bin-Numru 688006139;

- B'*shareholders resolution* datata 12 ta' Marzu 1999 is-*share capital* tal-kumpannija zdied minn 1,000 *shares* ghal 12,000 *shares* li minnhom kien hemm 6,000 *fully paid up shares* permezz tal-*capitalisation* tal-*shareholders loans* b'dana li s-somma globali ta' Lm5,000 (quindi Lm2,500 ghal kull wiwhed mill-partijiet kontendenti) tnaqqset minn dawn il-*shareholders loans*;
- In-negozju bejn il-partijiet kontendenti baqa' ghaddej, bil-pagamenti ta' Lm118 baqghu jigu effettwati regolarment, sakemm fit-22 ta' Novembru 2001, bi skrittura privata li ggib l-istess data, il-partijiet kontendenti temmew in-negozju ta' bejniethom;
- B'din l-iskrittura privata l-partijiet kontendenti ftehmu illi *PC* (ossia l-attur) *constitutes himself as a true, certain and liquid debtor in favour of MV* (ossia l-konvenut) *in the sum of ten thousand Maltese Liri (Lm10,000) which amount is due to MV as goodwill in the company Target Trading Limited, being said goodwill, by means of this agreement, fully transferred to Patrick Cutajar. PC binds himself to pay the said amount within four and a half years from today with regular payments of Lm200 per month payable by not later than the 5th day of every month, without interest. Should the said PC be in default of more than two payments, then the whole sum shall become immediately due and payable with commercial interest. Both parties hereby bind themselves to liquidate Video Art Limited as soon as possible. MV shall take over or be responsible for any guarantees which may be due to banks until or after the company is liquidated. Both parties hereby bind themselves to liquidate Target Trading Limited as soon as possible. PC shall take over or be responsible for any guarantees which may be due to banks until or after the company is liquidated. Both parties hereby bind themselves to liquidate MVPC Holdings Limited and bind themselves to fully co-operate with each other to effect such liquidation*;
- In segwitu ghal dan il-ftehim kull xahar baqa' jigi versat l-ammont ta' Lm118 fil-kont ta' l-HSBC Bank bin-Numru 688006139 intestat lill-konvenut u dana sat-3 ta' Dicembru 2003 meta l-attur deherlu li d-debitu versu l-konvenut kien saldat;
- Il-konvenut però ma kienx ta' l-istess parir ta' l-attur u peress illi fil-fehma tieghu kien ghad jonqsu jircievi xi hlasijiet interpella lill-attur ghall-istess;
- Rinfaccjat b'din it-talba l-attur mar ghand l-Avukat tieghu fejn hemm inghata parir li huwa f'ismu personali kien hallas lill-konvenut dejn illi se mai kien dovut lill-konvenut mis-socjetà Target Trading Limited u mhux minnu u dana a bazi tal-*shareholders loan* ta' Lm9,000 li kien jirrizulta mill-kotba tas-socjetà.

Minn ezami tal-provi prodotti l-Qorti hi tal-fehma li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-attur il-hlasijiet li gew effettwati fl-HSBC Bank Malta Account No. 688006139 intestat lill-konvenut Mario Vella bejn l-1 ta’ Dicembru 2001 u l-1 ta’ Dicembru 2003, ma gewx effettwati bi zball izda in bazi ghal obbligazzjoni nascenti mit-tmiem tan-negozju li l-partijiet kontendenti kellhom bejniethom.

Bl-iskrittura tat-22 ta’ Novembru 2001 l-attur kjarament assuma fuqu *inter alia* r-responsabiltà *for* ***any guarantees***[14] *which may be due to banks until or after the company* [Target Trading Limited] *is liquidated*. Fir-rigward l-attur jikkontendi li *mill-provi johrog car illi l-obbligi illi kien dahal ghalihom l-attur wettaqhom tant illi m’hemmx kontestazzjoni min-naha tal-konvenut dwar dan. Ma kien hemm l-ebda obbligu da parti ta’ Patrick Cutajar illi huwa fil-kapacità personali tieghu, ihallas id-dejn illi kellha s-socjetà Target Trading Limited ma’ Mario Vella. Tant huwa minnu dan illi Patrick Cutajar kien sahansitra ntrabat illi jhallas (u effettivament hallas) is-somma ta’ Lm10,000 lil Mario Vella ghall-avvjament illi kellha s-socjetà Target Trading Limited. Patrick Cutajar intrabat semplicement illi jiehu u jkun responsabbli ghall-garanziji li seta’ kien hemm (u effettivament kien hemm) fejn hu u Mario Vella kienu qeghdin garanti mal-banek ghall-facilitajiet illi kellha s-socjetà Target Trading Limited*[15].

Huwa evidenti li l-attur qed jikkontendi li l-kuncett ta’ *guarantees which may be due to banks* imsemmi fl-iskrittura privata tat-22 ta’ Novembru 2001 ma jinkludix il-*personal loans* li hu u l-konvenut kienu hadu ma’ l-HSBC Bank (Malta) p.l.c. u li l-kreditu ta’ Lm9,000, jew ahjar ir-rimanenti bilanc minnu, tal-konvenut kien unikament vis-à-vis is-socjetà Target Trading Limited a bazi tal-*shareholders loan*. Essenzjalment l-attur qed jifred b’mod mill-iktar nett il-*personal loan* tal-konvenut ma’ l-HSBC Bank (Malta) p.l.c u l-*shareholders loan* ta’ l-istess konvenut lis-socjetà Target Trading Limited daqs li kieku z-zewg negozji ma humiex allaccjati u pertinenti ghal xulxin. Dana johrog car anke mix-xhieda li ta’ l-Avukat Dottor Antoine Naudi waqt is-seduta tas-7 ta’ Novembru 2005[16] fejn iddikjara: *wara li rajt id-dokumenti* (prezentati lilu mill-attur) *rrizultali illi l-partijiet, Patrick Cutajar u Mario Vella, kienu shab f’business, bl-isem ta’ Target Trading Limited u kienu hadu self mill-Bank. Biex ihallsu l-Bank lura hadu self personali ta’ disat elef Lira Maltin (Lm9,000) kull wiehed, u fil-kotba tal-kumpanija Target Trading, dan is-self dahal bhala shareholders loan. Li tfisser li l-kumpanija kellha thallashom lura dan is-self. U fil-fatt hekk kien qed isir, bir-rata ta’ one hundred and eighteen Maltese pounds (Lm118) a month fil-kont ta’ Patrick Cutajar u l-iehor ta’ Mario Vella. Fl-2001 kien sar ftehim bejniethom illi rigward id-dejn tat-Target Trading, li kellha mal-Bank, kellu jigi assunt minn Patrick Cutajar. Allura, gara illi Patrick Cutajar baqa’ jhallas lil Mario Vella l-ammonti ta’ mija u tmintax-il Lira Maltin (Lm118). Mentri fil-fatt kienet il-kumpannija li kellha thallas lura l-flus u mhux hu, u kien ghalhekk li kien*

[14] Enfasi u sottolinear tal-Qorti.
[15] Nota ta’ Sottomissjonijiet ta’ l-attur, fol. 240.
[16] Fol. 22 u 23 tal-process.

*hemm din id-diskrepanza bejn l-istatement tat-Target Trading u l-ammont li kien qed jitlob il-konvenut.*

Il-Qorti però ma taqbilx mal-posizzjoni adottata mill-attur u fil-fehma taghha l-obbligu minnu assunt fl-iskrittura privata tat-22 ta' Novembru 2001, senjatament li *PC shall take over or be responsible for any guarantees which may be due to banks until or after the company is liquidated*, necessarjament kien jinkludi l-hlas tas-somma ta' Lm9,000, jew ahjar tar-rimanenti bilanc minnha, li l-konvenut kien kostrett jiehu bhala self mill-HSBC Bank (Malta) p.l.c. biex jaghmel tajjeb ghal sehemu mit-Lm18,000 mill-*overdraft* tas-socjetà Target Trading Limited.

Ghalkemm l-attur jipprova jaghti xejra kompletament differenti ghal dan is-self ta' Lm9,000 kull wiehed li hu u l-konvenut kienu kostretti jiehdu mill-HSBC Bank (Malta) p.l.c. biex jaghmlu tajjeb ghall-*overdraft* tas-socjetà Target Trading Limited fl-ammont ta' Lm18,000, anke billi jipprova jargumenta li dan is-self ma kienx allaccjat mas-sodisfazzjoni ta' parti minn dan l-*overdraft*, kemm mid-dokumentazzjoni tal-Bank imsemmi kif ukoll mix-xhieda ta' awditur Raymond Vella jirrizulta b'mod car li dawn il-*personal loans* ta' l-attur u tal-konvenut ma kienu xejn ghajr garanzija a favur il-Bank ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm18,000.

Mistoqsi dwar dan is-self l-attur in kontro-ezami[17] ddikjara *qed jigi suggerit lili li r-regional office tal-bank kien qalilna li ma jistax ikun li socjetà minghajr assi jkollha overdraft ta' valuri daqshekk kbar u fil-fatt gie suggerit li dak l-overdraft jigi konvertit f'loan nghid li jiena ma niftakarx li s-sitwazzjoni kienet hekk. Li niftakar hu li kien qed jikber ix-xoghol mhux hazin u ovvjament il-bank kien qed jaghfas fuqna illi ma kellniex bizzejjed facilitajiet u cash f'idejna. Sadanittant jekk niftakar sew konna hadna loan personali jiena u Mario Vella u tfajniha fil-kumpanija biex tissahhah u during the course of that shareholding loan, il-bank ghafasna biex ahna inzidu s-shareholding capital.* In risposta ghall-mistoqsija *meta hadtu dawn il-loans ta' Lm9,000 u Lm9,000, jigifieri Lm18,000, x'sar minnhom?* l-attur irrisponda *it-Lm18,000 kienu parti mid-djun li kellha l-kumpanija lejna* u ghall-mistoqsija *jigifieri naqsu mill-overdraft naqblu?* l-attur irrisponda *mhux necessarjament ... gew deposited kontra x-xoghol normali tal-kumpanija, ovvjament fl-overdraft u bqajna ghaddejjin. ... Jekk niftakar sew it-Lm18,000 konna hadnihom ghaliex hadna kuntratt mhux hazin u ridna inhallsu supplier barra minn Malta straight away. Jigifieri dawk it-Lm18,000 veru marru fl-overdraft imma thallsu mill-ewwel lill-kreditur.* Ghal mistoqsija tal-Qorti *jigifieri biex niftehmu b'dawk l-Lm18,000 ma qtajtux l-overdraft?* l-attur irrisponda *mhux qtajna l-overdraft, gie parti mill-overdraft prattikament. Ghalkemm il-loan li hadna thallas supplier bihom, jista' jkun li l-overdraft naqas ghax maz-zmien ahna konna qed nircievu l-pagamenti u kienu qed jigu depozitati. L-awditur taghna kien Raymond*

[17] Seduta tal-5 ta' Dicembru 2011, fol. 226 sa' 234 tal-process.

*Vella.* In risposta ghall-mistoqsija: *ha niccita dak li ntqal dwar Target Trading Limited: "il-kumpanija kienet qed tkun overdrawn mal-bank b'mod regolari u ghalhekk il-bank ried li jirristruttura l-facilità bankarja li kellha din il-kumpanija billi jobbliga lill-attur u lill-konvenut biex inehhu s-somma ta' Lm18,000 mill-overdraft tal-kumpanija u jikkonvertu dan id-dejn fl-loan personali ghal dan l-ammont f'isimhom personali u cioè loan fis-somma ta' Lm9,000 kull wiehed. Fil-fatt f'Settembru 1998 kienu saru zewg loan agreements separate ta' Lm9,000 kull wiehed ma' l-attur u mal-konvenut". X'tghidilna dwar dan?* l-attur irrispondda *din kienet xi haga li meta tkellimna ma' Ray kienet xi haga li kien qed jissugerixxi hu wkoll.* U in risposta ghall-osservazzjoni *le, Ray qal li kien il-bank li nsista li taghmlu dan ghaliex kumpanija li kellha overdraft ta' Lm4,000, illi m'ghandha ebda assi u li kontinwament kienet qed tkun overdrawn tant li l-ammont tela' anki sa' Lm20,000 u l-bank qalilkom li din ma kienetx ser tigi tollerata min-naha tal-bank din is-sitwazzjoni,* l-attur irrisponda *din ghalija kienet parti mix-xoghol normali li konna naghmlu.*

Ghalkemm l-attur jipprova jargumenta li dawk il-*loans* ta' Lm9,000 ma ittiehdux biex hu u l-konvenut jaghmlu tajjeb a favur il-Bank ghall-valur ta' Lm18,000 mill-*overdraft* tas-socjetà Target Trading Limited, fl-istess kontro-ezami tieghu huwa spicca biex ikkonferma li *jiena naqbel li d-Lm9,000 kienu ittiehdu personali djun lil Target Trading, Lm9,000 tieghi u Lm9,000 ta' Mario, però jekk tara sewwa x'gara wara l-ftehim li ha naghlqu, il-pagamenti baqghu sejrin sakemm fil-kotba kien hemm l-ammont ta' Mario illi kienu djun minn Target u dawk baqghu jithallsu sakemm l-account min-naha tal-kumpanija gie zero. Jigifieri l-Lm118 baqghu jithallsu anki wara dak l-arrangament.* In risposta ghall-mistoqsija tal-Qorti *minn min baqghu jithallsu?* l-attur irrisponda *minn Patrick Cutajar, minni personali* u in risposta ghall-mistoqsija *jigifieri inti bqajt thallashom ghaliex id-dejn ta' dawn iz-zewg loans dejjem kien meqjus bhala dejn ta' target Trading Limited?* l-attur irrisponda *iva.*

Dak inizjalment affermat mill-attur dwar l-allegat skop tal-*peronal loans* ta' Lm9,000 kull wiehed jinsab kontradett bix-xhieda ta' Raymond Vella li fl-affidavit tieghu[18] ddikjara li *Target Trading Limited, li kien imexxi l-konvenut* [l-attur f'dawn il-proceduri] *bhala "managing director", kellha overdraft illi inizjalment kien ta' Lm4,000 però maz-zmien din il-facilità zdiedet gradwalment ghal aktar minn Lm20,000. Il-kumpanija kienet qed tkun overdrawn mal-Bank b'mod regolari u ghalhekk il-Bank ried li jirristruttura il-facilità bankarja li kellha din il-kumpanija billi obbliga lill-attur u l-konvenut biex inehhu s-somma ta' Lm18,000 mill-overdraft tal-kumpanija u jikkonvertu dan id-dejn f'loan personali ghal dan l-ammont f'isimhom it-tnejn personali, u cioè loan fis-somma ta' Lm9,000 kull wiehed. Fil-fatt f'Settembru 1998 kienu saru zewg (2) loan agreements separati ta' Lm9,000 kull wiehed ma' l-attur u mal-konvenut. Jiena nikkonferma illi l-pagamenti*

[18] Fol. 31 sa' 33 tal-process.

*ta' dawn iz-zewg loans kienu jsiru regolarment fis-somma ta' Lm118 fix-xahar ghal kull loan mill-operat ta' Target Trading Limited. Kienu jinhargu l-pagamenti minn din il-kumpanija.* In kontro-ezami[19] huwa ikkonferma li *z-zewg partijiet kienu hadu zewg loan agreements separate ta' disat elef lira kull wiehed. Dawn il-loans kienu jithallsu lura mill-kumpanija Target Trading Limited u kull xahar kienet thallas l-ammont ta' mija u tmintax-il Lira ghal kull loan.*

Anke d-dokumenti ta' l-HSBC Bank (Malta) p.l.c. esebiti permezz ta' Nota ipprezentata fit-12 ta' Frar 2008 a fol. 67 sa' 203 tal-process jikkontradixxu dak affermat mill-attur in kontro-ezami. In effetti mill-ittra mahruga mill-Bank lill-konvenut Mario Vella datata 13 ta' April 1999, a fol. 199 sa' 201 tal-process, jirrizulta b'mod car li l-iskop tas-self tas-somma ta' Lm9,000 kien *originally as payment to Target Trading Co. Ltd.* u mill-*memo* intern tal-Bank datat 11 ta' Frar 1999 relattiv ghall-*overdraft* tas-socjetà Target Trading Limited a fol. 128 tal-process jirrizultaw kemm is-self li kien kostrett jiehu l-attur kif ukoll is-self li kien kostrett jiehu l-konvenut biex jaghmlu tajjeb ghas-somma ta' Lm18,000 minn dan l-*overdraft*. Minn din id-dokumentazzjoni, senjatament id-dokumentazzjoni a fol. 136 sa' 141 tal-process, jirrizulta li veru li s-socjetà Target Trading Limited kienet hadet ammont in konnessjoni ma' *the importation of computer hardware and software applications* u li bhala fatt f'dak l-istess zmien kienu nhargu l-pagamenti lis-*suppliers* relattivi izda dan ma sehhx f'forma ta' *personal loans* li ttiehdu mill-attur u mill-konvenut kif allegat mill-attur in kontro-ezami izda kien *overdraft* ghall-valur ta' Lm14,000 li ttiehed mis-socjetà Target Trading Limited fi Frar ta' l-1998, ossia diversi xhur qabel ma l-partijiet kontendenti kienu kostretti jiehdu l-*personal loans* ta' Lm9,000 kull wiehed.

Stabbilita l-vera e propria natura tal-*personal loans* li l-partijiet kontendenti kienu kostretti jiehdu ma' l-HSBC Bank (Malta) p.l.c. l-kwadru tal-fatti li ghandha l-Qorti quddiemha huwa wiehed car hafna.

Il-Bank ried li l-hlas ta' l-ammont ta' Lm18,000 mill-*overdraft* tas-socjetà Target Trading Limited jigi garantit billi jigi konvertit f'zewg *personal loans* fuq l-attur u l-konvenut ghall-valur ta' Lm9,000 kull wiehed. B'dan il-mod dan l-ammont inqata' mill-*overdraft* u l-hlas tieghu gie stabbilit u regolat b'dawn iz-zewg *personal loans* li kienu jghajtu lill-partijiet kontendenti f'isimhom personali. Peress illi l-partijiet kontendenti riedu li dawn il-*loans* jithallsu mill-operat tas-socjetà Target Trading Limited, essendo finalment dejn tas-socjetà u l-intervent taghhom kien ghall-garanzija tal-hlas, fil-kotba taghha tnizzlu bhala *shareholders loans* ta' Lm9,000 il-wiehed koncessi lilha minnhom. Bhala fatt il-pagamenti ta' Lm118 fix-xahar ghall-kull wiehed mill-*personal loans* baqghu jithallsu mill-operat tas-socjetà Target Trading Limited u jirrizulta li l-hlasijiet favur il-konvenut kienu qed isiru direttament fil-*loan account* tieghu mal-Bank. Peress illi l-konvenut u del resto anke l-attur, bil-

[19] Seduta tal-25 ta' Frar 2009, fol. 213 u 214 tal-process.

*personal loans* ta' Lm9,000 il-wiehed li hadu minghand il-Bank kienu essenzjalment u in verità qed jaghmlu tajjeb ghad-dejn tas-socjetà Target Trading Limited ma' l-istess Bank, il-Qorti ttenni li fil-fehma taghha dawn iz-zewg *loans* kienu necessarjament inkluzi fil-ftehim bejn il-partijiet kontendenti tat-22 ta' Novembru 2001 u b'mod partikolari fl-obbligu assunt mill-attur li *PC shall take over or be responsible for any guarantees which may be due to banks until or after the company is liquidated.*

B'hekk jigi ribadit li fil-fehma tal-Qorti, fil-kwadru reali tal-fatti ta' dan il-kaz, il-pagamenti versati fl-HSBC Bank Account bin-Numru 688006139 intestat lill-konvenut bejn l-1 ta' Dicembru 2001 u l-1 ta' Dicembru 2003 ma sarux bi zball izda in esekuzzjoni ta' obbligazzjoni nascenti mill-ftehim milhuq bejn il-partijiet kontendenti fit-22 ta' Novembru 2001 meta temmew in-negozju ta' bejniethom. Ghalkemm l-attur jipprova jargumenta li dawn iz-zewg *personal loans* ma kienux inkulzi fil-ftehim tat-22 ta' Novembru 2001 ghaliex huwa kien irrifjuta li jiffirma l-ewwel abbozz tal-ftehim fejn dawn issemmew esplicitament, il-Qorti ttenni li fil-fehma Taghha li mill-fatti tal-kaz jirrizulta li ir-realtà ta' dak miftiehem bejn il-partijiet kontendenti hija ben diversa minn dik esposta mill-attur.

Jigi osservat ukoll li l-attur – **Patrick Cutajar f'ismu personali** – *qua* proponent ta' l-azzjoni ta' *indebiti solutio* ai termini ta' l-Artikolu 1022 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu fost affarijiet ohra jipprova li **sar il-pagament da parte tieghu f'ismu personali** tal-hlasijiet illum allegatament versati bi zball. Minn ezami tad-dokumentazzjoni ta' l-HSBC Bank (Malta) p.l.c. però, senjatament mir-rendikont tal-kont bin-Numru 688006139 intestat lill-konvenut a fol. 72 sa' 80 tal-process, jirrizulta li ben hdax-il pagament mill-hamsa u ghoxrin pagament versati bejn l-1 ta' Dicembru 2001 u l-1 ta' Dicembru 2003 – senjatament il-pagamenti versati f'Arpil 2002[20], Lulju 2002[21], Settembru 2002[22], Ottubru 2002[23], Novembru 2002[24], Dicembru 2002[25], Mejju 2003[26], Gunju 2003[27], Lulju 2003[28], Novembru 2003[29] u Dicembru 2003[30] gew effettwati *by order of* Target Trading jew *by order of* Target I T Limited u mhux mill-attur f'ismu personali.

B'hekk fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li l-konvenut gustament jeccepixxi li fil-kaz in ezami ma jissussistux l-elementi mehtiega *ad validitatment* skond il-Ligi sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' *indebiti solutio* intentata mill-attur fil-konfront tieghu stante li kjarament il-hlasijiet li gew

[20] Fol. 76 tal-process.
[21] Fol. 76 tal-process.
[22] Fol. 77 tal-process.
[23] Fol. 77 tal-process.
[24] Fol. 77 tal-process.
[25] Fol. 77 tal-process.
[26] Fol. 78 tal-process.
[27] Fol. 78 tal-process.
[28] Fol. 78 tal-process.
[29] Fol. 79 tal-process.
[30] Fol. 79 tal-process.

versati bejn l-1 ta’ Dicembru 2001 u l-1 ta’ Dicembru 2003 fil-kont ta’ l-HSBC Bank intestat lilu bin-Numru 688006139 ma gewx hekk versati bi zball.

Raggunta din il-konkluzzjoni l-Qorti tqis li ma ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni dwar jekk l-azzjoni attrici hijiex preskritta o meno ai termini ta’ l-Artikolu 1027 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, dwar jekk l-azzjoni odjerna gietx istitwita fil-konfront tal-persuna korretta o meno u dwar jekk it-talba attrici ghall-hlas ta’ l-imghax hijiex gustifikata o meno ai termini ta’ l-Artikolu 1023 tal-Kap.16 tal-Ligijeit ta’ Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastejni milli tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel, it-tielet u s-sitt eccezzjoni tal-konvenut, tilqa’ t-tieni, ir-raba’ u l-hames eccezzjoni tieghu u konsegwentement tichad it-talba attrici.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri u dawk relattivi ghall-ittra ufficjali datata 12 ta’ Ottubru 2004 ghandhom jigu sopportati interament mill-attur.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------